**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 189/2016 CFF**

**Emily Bryant**
***kontra***
**Schembri Concrete Blocks Ltd**
**Schembri Barbros Ltd**

**Illum 15 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata:

1) Li hi debtrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u sittin ewro (€7865) li huwa rapprezentanti l-oggetti li kienu mahzuna fil-garaxx formanti mill-kumpless ta' garaxxijiet gewwa Triq Atrocia l-Hamrun u li hi ddisponiet minnhom minghajr permess u minghajr ma segwiet il-procedura ffissata fil-ligi.

2) Ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u sittin ewro (€7865).

Bl-ispejjez kontra taghha minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat **ir-risposta** ta' Schembri Concrete Blocks li esponiet:

Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi huwa l-Bord tal-Kera li ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma kirjiet ta' fondi urbani;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti m'hijiex il-legittimu kuntradittur stante li ma ghandha l-ebda konnessjoni mal-fond in kwistjoni u lanqas mar-rikorrenti;

3. Illi fil-mertu s-socjeta' esponenti ma ddisponiet mill-ebda oggetti tal-attrici;

4. Illi s-socjeta' esponenti m'hijiex debitrici tar-rikorrenti ghal ebda ammont;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat **ir-risposta** tas-socjeta' kjamata in kawza Schembri Barbros Limited, meta esponiet:

1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi huwa l-Bord tal-Kera li ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani;

2. Illi fil-mertu is-socjeta' esponenti ma ddisponiet mill-ebda oggetti tal-attrici;

3. Illi s-socjeta' esponenti mhijiex debitrici tar-rikorrenti ghal ebda ammont;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat:**

**Carmelo Schembri** li huwa d-direttur tas-socjeta' konvenuta jghid li kien anke direttur tas-socjeta' Schembri Barbros u kienet din il-kumpanija li kriet garaxx lill-attrici Emily Bryant. Izid jghid li l-attrici kellha ktieb tal-kera izda kien ilha xi tliet snin ma taghmel pagament. It-tifel ta' Carmelo Schembri li huwa Joseph Schembri ttenta kemm-il darba sabiex jikkomunika ma Emily Bryant izda b'rizultat negattiv. Kien ghalhekk li l-affarijiet li kellha l-attrici fil-garaxx ittiehdu go garaxx iehor minn ta' Joseph Schembri.

L-attrici **Emily Bryant** tghid li hija tghix gewwa l-Ingilterra u ilha hemm sa mis-sena 1964. Ma ftehim ma Schembri Concrete Blocks, li thallas hames mitt ewro kera fis-sena, kriet garaxx sabiex tpoggi xi ghamara u ornamenti. L-ewwel pagament sar izda minhabba problemi familjari l-Ingilterra naqset milli thallas it-tieni u t-tielet pagament. Fl-ebda mument ma rceviet komunikazzjoni minn Schembri Concrete Blocks. Meta rritornat Malta fl-2015 kellha kull intenzjoni li thallas l-arretrati tal-kera u tbiegh xi ghamara u ornamenti antiki lil Heritage Antiques, izda meta marret quddiem il-garaxx li kienet qed tikri sabet li kien hemm katnazz differenti minn taghha u giet infurmata minn sid il-garaxx ta' magenbha li l-garaxx li kienet qed tikri hi, kien qed jigri mikri lil terzi. Meta Emily Bryant ghamlet kuntatt ma Joseph Schembri, dan ta' l-ahhar infurmaha li peress li haseb li kienet mietet, kien biegh xi affarijiet biex tithallas il-kirja u dak li dehrlu li huwa ta' bla valur, remieh. Tkompli tghid li marret taghmel rapport l-ghassa li kienu naqsulha l-affarijiet taghha li jammontaw ghal cirka €7865. Izzid tghid li l-garaxx kien ta' certu wiehed Redeemer qabel ma bdiet tikrieh hi. Illi meta regghet xehdet fl-14 ta' Frar 2017, qalet li ghamlet kuntatt ma' Joseph Schembri sabiex juriha fejn kien hemm oggetti taghha li tnehhew meta kienu fil-garage mikri lilha. Illi meta marret hemm sabet diversi oggetti li kienu taghha izda l-bicca l-kbira skont il-lista ma kienux hemm u li kien ghad baqa' kienu fi stat hazin hafna. Meta kienet kelmet lil Joseph Schembri dwar l-ogggeti taghha, kien qallha li kien nehha l-affarijiet minn gewwa l-garage u rema' xi oggetti minn gewwa fih ghax kienu rubbish. Illi kompliet tghid li kien certu wiehed Redeemer li pogga l-oggetti fil-garage mikri lilha.

Illi skont l-istess **Carmelo Schembri** meta xehed li l-kumpanija tieghu kienet nehhiet l-oggetti minn gewwa l-garage u ttiehdu gewwa post iehor. Illi ghalkemm pruvaw jaghmlu kuntatt maghha dan ma sehhx u fil-fatt ghamlet zmien twil ma thallasx kera tal-garage mikri lilha. Minn naha l-ohra meta xehed Michael Mercieca qal li huwa kien mar mal-attrici fil-garage fejn kienu tpoggew l-affarijiet taghha meta tnehhew mill-garage mikri lilha. Illi huwa ma kienx jaf x'kien fih l-ewwel darba l-garage izda ra xi oggetti li qalet li kienu taghha izda wkoll li kien hemm affarijiet nieqsa. Fil-fatt dawn l-oggetti halliethom hemm u lanqas hadithom.

Illi meta xehed l-istess **Joseph Schembri** huwa ikkonferma li kienu krew il-garage lill-attrici u minhabba li kienet waqfet il-pagamenti tal-hlas tal-kera kien pogga karta mal-bieb sabiex taghmel kuntatt. Illi ghalkemm ghaddew diversi xhur xorta wahda baqghet ma kelmithomx u ghalhek hadha li kienet kwistjoni li abbandunat kollox. Illi meta mar gewwa l-garage minhabba li kienu kelmuh li jinsab miftuh ra hafna oggetti li ghalih kienu imbarazz. Fil-fatt ra li dawk l-oggetti li kienu fi stat tajjeb hadhum gewwa garage fiz-Zejtun fejn kienu ghadhom hemm, filwaqt li oggetti ohra mkissra gew mormija izda

jichad li biegh xi oggetti minnhom. Ebda lista ma nzemmet x'kien hemm fil-garage jew inkella xi tpogga fil-garage l-gdid. Illi huwa kkonferma li l-oggetti li kienu jinstabu fil-garage (ara dok JS a fol 99 li juri ritratti tal-oggetti kif misjuba fil-garage mikri lill-attrici).

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u sittin ewro (€7865) li huwa l-valur tal-oggetti li l-attrici kienet halliet fil-garage mikri lilha mis-socjeta konvenuta kjamata fil-kawza. Mill-provi prodotti jirrizulta minghajr kontestazzjoni li l-attrici kienet kriet garage sabiex fih tpoggi xi oggetti ta' ghamara u affarijiet ohra fih. Illi pero' hija kienet moruza fil-hlas tal-kera tant li meta giet lura Malta marret biex tara l-oggetti li kient halliet fi-garage u thallas dak li huwa dovut. Illi fil-fatt kien hawn li nqala kollox ghaliex l-oggetti kienu tnehhew minn gewwa dan il-garage u tpoggew f'iehor. Illi ghalkemm l-attrici prezentat lista ta' l-oggetti li skont hi kienu tpoggew f'dan il-garage, mill-fatti tal-kaz hargu aspetti ohra. Illi Joseph Schembri ikkonferma li fil-fatt kien nehha l-oggetti u anki rema' xi affarijiet li ghalih kienu imbarazz. Illi l-attrici kkonfermat li kienet qabdet lil certu Redeemer biex jiehu l-oggetti taghha gewwa dan il-garage izda din il-persuna qatt ma tressaq bhala xhud sabiex jikkonferma l-oggetti li huwa pogga f'dan il-garage skont il-lista li kien hemm. Illi l-istess attrici wkoll semmiet li kienet halliet ic-cwievet lil kugin taghha izda wkoll dan ma tressaq qatt sabiex jixhed dwar x'suppost kien ra ladarba huwa kellu access ghal dan il-garage.

**Ikkunsidrat**

Illi l-attrici allegat li hija kellha diversi oggetti gewwa garage u dan ghal valur fl-ammont indikat fit-talba taghha. Illi l-istess attrici ma gabet ebda prova ta' dawn l-oggetti hlief valur approsimmativ li hija sabet u hasbet. Illi wkoll jinghad li zewg xhieda li setghu taw indikazzjoni tal-fatti qatt ma tresqu sabiex jaghtu x-xhieda taghhom. Illi f'dan il-kaz hija semmiet lil wiehed Redeemer li kienet il-persuna li garr l-istess oggetti ghal gewwa l-garage. Illi din il-persuna kienet l-unika xhud li kien jaf xi tpogga fil-garage fejn skont l-istess attrici ghamel tlett vjaggi. Min-naha l-ohra hija qalet li kienet tat ic-cavetta tal-garage lil kugin taghha izda dan ukoll qatt ma tressaq sabiex jikkonferma l-kontenut tal-oggetti li kien hemm gewwa dan il-garage. Illi l-istess konvenuti esebew ukoll ritratti tal-oggetti kif kienu jinsabu gewwa l-garage meta infetah minnhom. Illi min-naha l-ohra gie konfermat li oggetti li kienu jappartjenu lill-istess attrici kienu qeghdin gewwa garage. Illi anki hawn l-istess attrici naqset milli terga' tiehu lura l-istess oggetti u taghmel inventarju taghhom. Illi dan ix-xoghol mhux kompetenza tal-Qorti li tassumi x'seta kienu dawn l-oggetti mizmuma fil-garage wara li haduhom min fejn kienu. Illi l-Qorti timxi

mal-principju li fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.

Illi in oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

> ***"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."***

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 t'April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004, fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

> ***"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.***
>
> ***Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.***

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mghotija lilhu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili ghal dak li gara. Illi ghalhekk dan il-principju tal-bilanc tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bazi tal-azzjoni azzjoni civili. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Illi pero' f'dan il-kaz l-oggetti in kwistjoni kienu gew merfugha f'garage minn persuna li ghamlet tlett vjaggi skont ma qalet l-istess attrici, u wara dan ghal xhur shah hadd ma kkonferma x'kien hemm fih. Lanqas il-kugin taghha li kellu cavetta tal-post ma tela' jixhed biex almenu jikkonferma l-oggetti li seta kien hemm. Illi wkoll gara li fil-mori ta' dawn il-proceduri, oggetti li kienu jinstabu fil-garage tpoggew mill-konvenuti f'garage iehor u anki hawn l-istess attrici naqset milli telenka u tghid x'sabet ezatt. Illi jkun nuqqas jekk il-Qorti jkollha tikkompensa telf ta' oggetti meta lanqas l-istess attrici ma ndenjat ruhha li telenka u tghid ezatt x'sabet fih. Illi ghalkemm tela' jixhed Michael Mercieca ma ta ebda indikazzjoni x'seta kien hemm originalment u x'instab wara fil-garage. Illi tali nuqqas ma tistax tassumi l-Qorti li kienu jezistu. Illi min- naha l-ohra Joseph Schembri ammetta li kien rema' xi affarijiet minn gewwa dan il-garage li skont hu kienu imbarazz. Kompla jghid li disghin fil-mija tal-oggetti tpoggew fil-garage taghhom u l-bqija gew mormija ghax kienu 'rubbish'. Illi zgur f'dan il-kaz il-Qorti ma tarax x'kienet ir-raguni li jigu mormija l-oggetti in kwistjoni meta fuq kollox skont hu kienu imkissrin u ma kienux taghhom.

Din il-qorti xorta temmen, minkejja il-provi kif gew imressqa tal-partijiet, li xi hlasijiet huma dovuti. Illi kif gie spjegat hawn fuq f'sitwazzjoni bhal din jigi adoperat il-principju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' gustizzja ekwitativa minhabba d-disorganizzazzjoni fil-kwalità ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta ragun ikun tassew jezisti. Għalhekk f'dan il-kaz, il-qorti ser taddotta *invece* r-regola tal-*arbitrio boni viri* fejn l-ammont jigi stabbilit *ex æquo et bono* mill-gudikant. Illi minkejja dan, hareg li kien hemm madwar disghin fil-mija tal-oggetti li halliet l-attrici li hekk kif intqal minn Joseph Schembri. Illi dan il-fatt ma giex kontestat mill-istess attrici meta kellha kull opportunita li tara liema oggetti instabu fil-garage.

Illi mill-provi hareg ukoll li kienet is-socjeta' kjamata fil-kawza li kienet kriet l-istess garage u mhux is-socjeta' l-ohra Schembri Concrete Blocks Ltd.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tillibera lis-socjeta' Schembri Concrete Blocks Ltd mill-osservanza ta' dan il-gudizzju filwaqt tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' kjamata fil-kawza u tilqa' t-talba tal-attrici u

tikkundanna għalhekk lis-socjeta kjamata in kawza Schembri Barbros Limited tħallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) mid-data tal-lum sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-kawża a karigu tas-soċjeta' kjamata in kawża Schembri Barbros Limitd.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Maria Grech-Cardona**

**Deputat Registratur**